MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 241/2011

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-22 ta' Marzu 2002, ir-rikorrent izzewweg civilment lill-intimata, li hi mill-Marokk, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument 'A'.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

4. Illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, billi r-rikorrent izzewweg lill-intimata, li kellha bzonn tizzewweg ragel Malti biex tibqa' Malta, biss stante' li din weghdithu somma flus, li fil-fatt hallsithu, u liema somma hu (r-rikorrent) kien jehtieg dak iz-zmien sabiex isostni vizzju li kellhu.

5. Illi l-koppja zzewwgu biss ftit jiem wara li ltaqghu, u l-kontendenti lanqas ghexu jum wiehed flimkien wara z-zwieg taghhom, u ma kellhomx tfal.

6. Illi wkoll iz-zwieg tal-kontendenti qatt ma gie kunsmat.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta), u kif ukoll skont l-artikolu 19A tal-istess Kap.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur talab li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Marzu 2002 huwa null u bla effett ghal dawk ir-ragunijiet kif hawn fuq spejgati u skont l-artikoli tal-ligi citati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta nonostante li giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma pprezentatx risposta guramentata.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-attur bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

L-attur ressaq ix-xhieda tieghu bil-mezz tal-affidavit..

L-attur spjega li meta kellu tmintax-il sena huwa kien beda johrog ma' tfajla li dak iz-zmien kellha tlettax-il sena. Wara seba' snin johorgu flimkien kienu waqfu din ir-relazzjoni li izda regghu komplew xi sena wara. F'dik is-sena l-attur waqa' fil-vizzju tad-droga peress li beda johrog ma' hbieb li kienu jikkunsmaw id-droga. Is-sitwazzjoni aggravat peress li l-attur ma rnexxilux jinqala mill-vizzju u aghar minn hekk it-tfajla tieghu bdiet ikoll tiehu d-droga b'mod regolari.

Bl-ghajnuna tal-membri tal-familja tieghu li sadanittant saru jafu bil-problema huwa beda jattendi programm ta' terapija u counselling sessions. Nonostante dan kollu l-attur u t-tfajla tieghu xorta baqghu ifittxu li jiehdu d-droga pero' flus f'idejhom ma kellhomx. L-attur jghid li kien hawn li t-tfajla tieghu issuggerietlu li biex ikollhom somma flus f'idejhom sertghu jizzewgu lil xi hadd barrani biex ihallashom talli jirnexxielhom jakkwistaw ic-cittadinanza Maltija. Hija semmietlu li habiba taghha kien hallasha s-somma ta' Lm1,000 talli kienet izzewgitu u akkwista c-cittadinanza Maltija.

Habiba tal-tfajla tieghu irrangatilhom sabiex jinstabu zewg barranin li riedu jizzewgu cittadin Malti biex jakkwistaw ic-cittadinanza Maltija.

Huwa spjega li l-ewwel u l-ahhar darba li ra lill-konvenuta kien fil-gurnata li ltaqghu fir-Registru Pubbliku u zzewgu. Il-konvenuta hallsitu s-somma ta' Lm400.00 u ma regax ra aktar. Huwa nefaq dawn il-flus kollha fuq id-droga. Iz-zwieg ghalhekk ma giex ikkunsmat. Lill-familjari tieghu ma kien qalilhom xejn dak iz-zmien.

Maz-zmien huwa qata' r-relazzjoni li kellu mat-tfajla tieghu, hareg mill-vizzju tad-droga, beda relazzjoni ma' tfajla ohra u llum ghandhom tifla li ghandha tlett snin. Illum ilu seba' snin f'din ir-relazzjoni stabbli u qed jippjanaw li jizzewgu jekk iz-zwieg mal-konvenuta jigi annullat.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2012 l-attur xhed viva voce quddiem il-Qorti fejn spjega li x-xewqa tieghu illum hi li jekk iz-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi annullat huwa jizzewweg 'l omm it-tifla tieghu u b'hekk ikunu jistghu jghixu flimkien bhala familja mizzewga. Hija x-xewqa taghhom li sew omm it-tifla kif ukoll it-tifla jkollhom kunjom komuni bhal dak ta' l-attur.

L-attur spjega li waqt li kien id-Detox ghaddej bil-programm ta' disottikazzjoni kien bdew jikkomunikaw mieghu persuni li ma jafhomx jinsistu mieghu li kien hemm bzonn li l-indirizz tieghu fuq il-karta ta' l-identita' tieghu ikun l-istess indirizz fuq il-karta ta' l-identita' tal-konvenuta. Huwa rrifjuta u baqa' jirrifjuta sakemm ma cemplulux aktar.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta' Marzu 2002 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fl-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) u fl-artikolu 19ª tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan l-artikolu ghandu l-gheruq tieghu fil-Ligi Kanonika. Canone 1095 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 jipprovdi illi “The following are incapable of contracting marriage: i) those who lack the sufficient use of reason; ii) those who suffer from a grave defect of discretion of judgment concerning the essential matrimonial rights and duties mututally to be handed over and accepted”; iii) those who are not able to assume the essential obligations of marriage for causes of psychic nature”.

i) Biex l-attur jirnexxi fuq din il-premessa jehtieg li qabel xejn jipprova li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga.

Minhabba li kif diga inghad l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti. Diskrezzjoni ta’ gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala “disretio judicii”.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Artikolu 2 fil-Kodici Civili taht it-titolu “**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**” jipprovdi illi:

”(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita’ tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma’ xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi lu l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Fil-fehma tal-Qorti sew il-kunsens tal-attur kif ukoll il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-mizzewgin. Ghalhekk it-tieni premessa attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Ikkonsidrat;

**KUNSENS VIZZJAT BL-ESKLUZZJONI POZITTIVA TAZ-ZWIEG JEW XI ELEMENT ESSENZJALI TAL-HAJJA MIZZEWGA**.

Jirrizulta wkoll li fil-mument li l-partijiet kienu qed jikkuntrattaw iz-zwieg taghhom humwa kienu qed jeskludu elementi essenzjali mill-hajja mizzewga. La l-attur u lanqas il-konvenuta ma kellhom f’mohhom li ser jghixu flimkien tant illi raw lil xulxin biss gewwa r-Registru Pubbliku. M’hemmx dubju ghalhekk illi t-tielet premessa tal-attur tinsab sodisfacentement ippruvata.

Ikkonsidrat;

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Qorti hi tal-fehma li ghal dak li gara jahtu sew l-attur kif ukoll il-konvenuta ghaliex it-tnejn kienu jafu x’inhuma jaghmlu.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici b’dan illi:

1. Tiddikjara z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Marzu 2002 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f). tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fir-Registru Pubbliku.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------